42005D0391

DEĊIŻJONI MEĦUDA BI QBIL KOMUNI, FIL-LIVELL TAL-KAPIJIET TA' STAT JEW TA' GVERN, MILL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI LI GĦANDHOM L-EURO BĦALA MUNITA TAGĦHOM

ta' l-20 ta' Mejju 2005

li taħtar Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

(2005/391/KE)

IL-KAPIJIET TA' STAT JEW TA' GVERN TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA LI GĦANDHOM L-EURO BĦALA MUNITA TAGĦHOM,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 112(2)(b) u 122(4), u l-Artikoli 11.2 u 43.3 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidraw ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill [1],

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew [3],

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sinjur Lorenzo BINI SMAGHI huwa maħtur bħala Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew b'mandat ta' tmien snin li jibda japplika mill-1 ta' Ġunju 2005.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, 20 ta' Mejju 2005.

Il-President
J. ASSELBORN

[1] ĠU L 68, 15.3.2005, p. 40.

[2] Opinjoni mogħtija fl-11 ta' Mejju 2005 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[3] ĠU C 75, 24.3.2005, p. 14.